**WEBSITE TAL-PARLAMENT - VIDEOS TAS-SEDUTI PARLAMENTARI**

**2. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT jistaqsi lill-Ispeaker:** Jista' l-Ispeaker jindaga r-raġunjiet tekniċi għaliex is-seduti f'format video qed idumu ma jkunu ppublikati fuq is-sit tal-Parlament u x'ser ikun qed isir sabiex din is-sitwazzjoni terġa' lura għal kif kienet?

26.06.2026

**L-ISPEAKER:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li kien hemm problema teknika illi minħabba fiha l-videos tas-seduti tal-Parlament ma setgħux jiġu uploaded fuq is-sit tal-Parlament. Il-persuni tekniċi min-naħa tas-Servizz Parlamentari kienu f'kuntatt mal-kuntrattur li jforni s-sistema ta' streaming ta' dawn il-videos sakemm il-probelma ġiet riżolta. Il-videos tas-seduti issa jinsabu kollha pppublikati.

Is-Servizz Parlamentari ser ikun qiegħed jagħmel numru ta' upgrades fis-sistemi tal-ICT tiegħu sabiex dawn il-problemi jiġu evitati.

30.06.2026